**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 21 ta` Ottubru 2019**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Gur. Nru. 882/2019 JZM**

**Emanuel Baldacchino**
**Company Limited (C73299)**

***kontra***

**Mtrace P.L.C. (C73299)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fis-16 ta` Settembru 2019 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` attrici ipprestat diversi servizzi professjonali u teknici lis-socjeta` konvenuta, fuq inkariku tal-istess socjeta` u dan in konnessjoni ma` progett ta` zvilupp industrijali f`San Gwann fil- Malta Life Sciences Park;*

*2. Illi s-socjeta` konvenuta hi ghalhekk debitrici fil-konfront tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` tlett mija u hamsa u sittin elf hames mija u hamsa u erbghin u erbgha euro u ghoxrin centezmu (Euro 365,545.24 ) liema ammont jinkludi s-somma ta` hamsa u hamsin elf, seba mija wiehed u sittin Euro u erbatax il centezmu (Euro 55,761.14) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan in linea ta` hlas ghal tali prestazzjonijiet ta` xoghol ta` kostruzzjoni u dan hekk kif jidher mill-fattura hawn annessa u mmarkata bhala `Dok A1`;*

*3. Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta` fatt u li sa fejn taf is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet x`taghti f`dina l-kawza;*

*4. Illi s-socjeta` konvenuta kienet accetat dan id-dejn permezz ta` dikjarazzjoni ta` `confirmation of debts`` iffirmata mid-diretturi (annessa u mmarkata bhala Dok `A2`);*

*5. Illi minkejja li giet interpellata sabiex thallas permezz ta` diversi emails, telefonati u meetings, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;*

*6. Illi s-socjeta` attrici taf b`dawn il-fatti personalment – Affidavit hawn annessa u mmarkata bhala `Dok A3`;*

*7. Illi r-raguni ta` din it-talba hi li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta` tlett mija u hamsa u sittin elf hames mija u hamsa u erbghin u erbgha euro u ghoxrin centezmu (Euro 365,545.24 ) liema ammont jinkludi s-somma ta` hamsa u hamsin elf, seba mija wiehed u sittin Euro u erbatax il centezmu (Euro 55,761.14) taxxa fuq il-valur mizjud, in linea ta` drittijiet ghal prestazzjonijiet ta` `supervisory works`, xoghlijiet professjonali u teknici rezi fuq inkariku taghha mis-socjeta` attrici, interessi ta` tmienja fil-mija mid-data tal-fattura u spejjez komprizi tal-Mandat ta` Sekwestru u Mandat ta` qbid ipprezentati kontestwalment;*

*Ghaldaqstant, is-socjeta` attrici titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuna, joghgobha :*

*1) Tisma` dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artiklu 167 et seq tal-Kap. 12.*

*2) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont ta` tlett mija u hamsa u sittin elf hames mija u hamsa u erbghin u erbgha euro u ghoxrin centezmu (Euro 365,545.24).*

*Bl-ispejjez, komprizi tal-Mandat ta` Sekwestru pprezentati kontestwalment mar-Rikors Guramentat, u bl-imghax mid-data tal-fattura lis-socjeta` konvenuta li minn issa hi ngunta in subizzjoni, u bir-riserva ta` kull dritt u azzjoni fil-Ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-kumpannija attrici flimkien mal-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-kumpannija konvenuta skont il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat illi l-kumpannija konvenuta baqghet ma dehritx ghall-udjenza tal-lum meta ssejhet il-kawza.

Ezaminat l-atti tal-kawza,

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati :

**Fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta, tiddeciedi billi –**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba bl-imghax kif mitlub.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi dawk tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**